MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 61/2003

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Aronne Micallef**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u ghoxrin Liri Maltin, (LM2,420.00,0), import ta' kambjali mnnu ffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie interpellat sabiex ihallas.**

**Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl-20 ta' Frar tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------